**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**MOREL-JEAN, Serge Ernest Raymond**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2023**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **SERGE ERNEST RAYMOND MOREL-JEAN**, bin Marcel Morel-Jean u Coutette, imwieled bin Marcel Morel-Jean and Coutette, imwieled Franza, nhar l-20 ta' Jannar, 1947 u residenti gewwa fond 'Chemin de la Montagne', 73230, Les Deserts, France ukoll Castille Hotel, Valletta, Malta u detentur tal-passaport Franciz bin-numru 15DK75912, akkużat talli nhar is-27 ta' Ġunju 2023 f'dawn il-Gżejjer :

1. Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. Victor Axiak  LL.D fid-digriet taghha datat 28 ta' Awwissu 2020 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet u dan ai terminu ta' l-Art 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semgħet lill-imputat iwieġeb li huwa ħati tal-akkuża;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li ngħata ħin biex jerġa' jaħsibha u biex jerġa' jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu u wkoll wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u dwar il-piena erogabbli.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessa.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt illi l-imputat, li huwa Franċiż u jgħix barra minn Malta, baqa' ma ġiex Malta u ma deherx quddiem il-Qorti fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023 meta ġie mitlub jagħmel dan mill-Uffiċjal Prosekutur, skont kif kien obbligat fid-digriet datat 28 ta' Awwissu 2020 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu. Jirriżulta illi dan in-nuqqas tal-imputat wassal biex kellu jiġi ordnat il-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew fil-konfront tiegħu, bil-ħela ta' żmien u l-proċedimenti kollha li tagħti lok għalihom l-eżekuzzjoni ta' mandat bħal dak. Iżda fl-istess waqt il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat huwa anzjan ta' 76 sena u fl-aħħar mill-aħħar ġie lura Malta volontarjament, għad illi dan għamlu li għaddew xejn inqas minn sitt xhur mid-data li naqas milli jidher għall-ordni msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija. B'zieda ma' dan il-fatt illi ma ntweriex li l-imputat għandu fedina penali refrattarja. Dan kollu magħdud, hija l-fehma tal-Qorti li piena karċerarja ma tkunx idonea bħala piena fuq sejbien ta' ħtija f'dan il-każ.

In konklużjoni, il-Qorti tosserva illi peress li l-Prosekuzzjoni ma talbitx għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest skont id-digriet mogħti fit-28 ta' Awwissu 2020 u għall-arrest mill-ġdid tal-imputat, ma tistax tagħmel ordni f'dan is-sens.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni qiegħda ssib li SERGE-MOREL, SERGE ERNEST RAYMOND ħati tal-imputazzjoni u tikkundannah multa ta' elfejn Euro (€2,000) u tordna l-konfiska parzjali tal-ammont stabbilit fid-digriet tat-28 ta' Awwissu 2020 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, favur il-Gvern ta' Malta, fis-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**